MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Numru. 69/2002
Kawza Numru. 2

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Sean Briffa ta' 20 sena, iben Arthur u Cynthia nee Ruggier, imwieled il-Pieta' fid-9 ta' Frar 1982 u joqgħod 34 Triq Sammat Paola u li għandu l-karta ta' l-identita' bin-numru 114682 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fid-9 ta' Jannar 2002 u matul l-aħaħr 13-il xahar qabel dina d-data:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern

skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu

(c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Akkuzat ukoll li kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u an bi skur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta
(e) Akkuzat ukoll li kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 3(1) ta' l-AL 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat.

Il-Qorti ntalbet li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat bin-numru 1146 ta' l-1982, il-konferma ta' l-esperti amħtura fl-inkjesta (fol.4), l-Ordnijiet ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-14 ta' Marzu 2002 (fol.18 u 19), il-fedina penali ta' l-imputat, il-proċes verbal redatt mill-Maġistrat Dr.J Padovani Grima intitolat 'Sejba ta' Drogi f'number 34 Triq Sannat, Paola, l-istqarrija t' l-imputat a fol. 16 u 17, ir-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella u PS 644 Evan Camilleri (fol 33), ir-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud (fol.44), l-eżenzjoni tad-difiża a tenur li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex għalfejn ittella' xhieda dwar il-volontarjeta' ta' l-istqarrija (fol.103) u milli ttella' lil Theo Vella biex jikonferma r-ealzzjoni tiegħu (fol.105) , u il-PSIR a fol.114 et.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli Difensur;

Ikkonsidrat

Skond is-Supretendent Neil Harrison minn tfittxija li saret fir-residenza ta' l-imputat nhar id-9 ta' Jannar 2002, kienu nstabu madwar 16-il qartaqs bl-roina, miżien, biċċiet żgħar tal-kannabis, pilola waħda suspettata ecstasy u

pillola oħra. Instabu mobile phones u Lm170 lira Maltija fi flus cash. Il-Maġistrat ta' l-Għassa kienet għamlet inkjesta.

**L-Istqarrija ta' l-Imputat**

L-imputat stqarr li l-Lm170 kienu flus li kien iżomm bħala cash id-dar u li kein ilu ma jaħdem xi xahar u nofs. Stqarr ukoll li kellu 16-il qartas ta' l-eroina u biċċa raża li kienet tiswa Lm10. Kellu wkoll pillola ecstasy. Kien ilu jieħu d-droga eroina tmien xhur. Huwa ammetta wkoll li ġieli pejjep il-ħaxixa bħala raża u l-aħħar li pejjipha kien xi ġimagħtejn qabel.

Meta kien mistoqsi jekk kienx qed ibiegħ l-eroina fl-inħawi tal-Pjazza tar-Raħal Ġdid huwa qal li kien biegh xi pakketti ta' l-eroina. Darba kien biegħ b'ħames liri eroina u darb'oħra żewġ pakketti ta' Lm10-il wieħed. Huwa kien biegħ ħdejn il-Carters Supermarket, ir-Raħal Ġdid u dan kien xi ħames jew sitt ijiem qabel l-istqarrija (Din saret fil-11 ta' Jannar 2002 u għalhekk ir-referenza hija għal 5 jew is-6 ta' Jannar 2002)..

Dwar il-pakketti huwa qal li kien xtara gramma u qasamha fit mien pakketti għall-użu tiegħu u l-pakketti l-oħra kien xtrahom bħala pakketti. (fol.17).

Xehed PS 644 Evan Camilleri li kkonferma r-ritratti u r-relazzjoni li kien ġejja flimkien ma' PS 612 Theo Vella. Dawn ir-ritratti ittieħdu in konnessjoni ma' l-inkjesta msemmija. Huma keinu elevaw xi affarijiet li għaddewhom lill-Ispiżjar Mario Mifsud.

**Xhieda Forensika**

Xehed l-Ispiżjar Mario Mifsud li stabilixxa li ma kienx hemm mechanical fit fid-dokumenti 02 ABZ 202, 204, 207, 208 u 210; li ma nstabux sustanzi illegali fit-tnax-il siringa, is-sitt biċċiet ta' foil, it-tmein biċċiet palstik li kien hemm fid-dokument 02 ABZ 202, il-miżien li kien hemm fid-dokument 02 ABZ 203, l-istraw li kien hemm fid-dokument 02 ABZ 204, fiż-żewġ siringi u s-sikkina li kien hemm fid-

dokument 02 ABZ 205 u l-imagħarfa li kien hemm fid-dokument 02 ABZ 206.

Kien hemm żewġ sustanzi mhux ikkontrollati bil-Liġi.

Il-Ħaxix aħdar li kein hemm fid-dokuemnt 02 ABZ 201 kien f'ammont ta' 0.233 grammi u kien fil-maġġoranza weraq imfarrak tal-pjanta cannabis;

Li kien hemm ammont nett totali ta' 2.607 grammi ta' THC fid-dokument 02 ABZ 208(i) u 208(ii).

Li kien hemm 0.033 grammi ta' amfetamina li taqa' taħt it-Tieelt Skeda Part B tal-Kap 31.

Li l-pillola fid-dokument 02 ABZ 208 (v) kieent MDMA.

Li kien hemm traċċi ta' sustanza eroina fuq tleit biċċiet plastic (03 ABZ 202), (02 ABZ 205) u 02 ABZ 206.

Li fit-trab il-kannella fid-dokument 02 ABZ 207 kien hemm 15-il qartas u fit-trab il-kannella li kien hemm fuq il-platt 02 ABZ 209 kein hemm ammont nett ttoali ta' 3.581 grammi ta' sustanza eroina. (fol.59).

Xehdet ukoll WPC 119 Cynthia Camilleri li qalet li waqt it-tfittxija fid-dar ta' l-imputat keinu sabu xi affarijeit fuq il-mejda ta' l-ikel, kellu platt bi traċċi kannella u xi biċiet tar-esin. Sabu wkoll kaxxa sulfariini b'xi biċċa resin.

Xehed ukoll PC 579 Antoine Micallef. Dan xehed li kienu elevate xi affarijeit li għandhom konnessjoni mad-droga.

Xehdu wkoll PS 536 Jason Caruana u PC 1013 Tonna li kkonfermaw is-sejbien ta' l-affarijiet diġa' deskritti fix-xhieda mogħtija mill-memebri l-oħra tal-Pulizija involuti fis-serq.

Xehdet Josette Camilleri li kienet rapprezentanta tas-Sedqa u qalet li l-imputat ilu jattendi s-Sedqa mis-26 ta' Novembru 2001 (xahar u tlettax-il jum qabel d-data tar-

reat). L-imputat ipprova johrog mill-problema tad-droga u ghamel progress kbir. Bhal issa ghandu bzonn jattendi minnabba r-relapse prevention. Ix-xhud ikkonferrnat li l-imputat kellu tfajla li mietet b'incident. L-imputat kien fittex is-soluzzjoni fid-droga.

Fit-2 ta' Novembru 2005, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet a, c, d, u e. (Fol 109. Huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li nghata hin xieraq biex jahsibha.

Mary Rose Farrugia, il-Probation Officer, ipprezentat il-Pre-Sentencing Inquiry Report. Ix-xhud qalet li l-imputat kien waqa' fil-vizzju tad-droga wara l-mewt tat-tfajla. Kellu diversi overdoses u wara l-annar wahda beda jinghata l-methadone. Bhal issa huwa clean. Skond il-psikjatra, l-imputat huwa persuna maghluq fih innifsu u ghandu personalita' negattiva hafna. Huwa ghadu jattendi l-counselling sessions tas-Sedqa.

**Trattazzjoni**

Fit-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li t-traffikar johrog mill-istqarrija ta' 1imputat waqt li l-pussess aggravat jidher car mill-ammont ta' droga misjuba mill-Pulizija waqt it-tfittxija.

Id-Difiza qajmet il-kwistjoni ta' meta sar it-traffikar - jigifieri jekk hux fil-parametri tazzmien indikat fic-citazzjoni kif ukoll enfasizzat li l-imputat kien a heavy drug user u allura mhux xi haga kbira li ghandu tinstab kwantita' ta' droga.

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet a, c, d, u e. Ghaldaqstant dawn huma ippruvati skond il-Ligi.

Biss fit-trattazzjoni l-avukat difensur ta' l-imputat qajjem probelma dwar l-ewwel imputazzjoni - dik ta' traffikar. Il-kwistjoni hija dwar id-data. Fic-citazzjoni d-data moghtija hija fid-9 ta' Jannar 2002 u matul it-13-il xahar ta' qabel.

Fl-istqarrija (fol 16 u 17) l-imputat stqarr li kien biegh id-droga darbtejn xi hames jew sitt jiem ilu - jigifieri, meta tqis

li l-istqarrija saret fil-11 ta' Jannar 2002, l-imputat kien spacca d-droga eroina fil-5 u fis-6 ta' Jannar 2002.

Jirrizulta li z-zmien indikat fic-Citazzjoni jkopri z-zmien ta' meta l-imputat spacca ddroga.

Ghaldaqstant i1-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-ewwel imputazzjoni kienet ippruvata. Isegwi li l-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' l-erba' imputazzjoni li huwa ammetta.

**It-tieni imputazzjoni**

L-imputat ma ammettiex l-imputazzjoni ta' pussess aggravat ta' eroina. L-argument ewlieni kien li mhux sorprendenti Ii drug addict juza daqstant droga.

(a) ls-sejba ta' mizien;

(b) I1-fatt li ftit jiem qabel l-imputat kien spacca d-droga

(c) L-ammont misjub - 3.581 grammi eroina li mhux ammont zghir

(d) It-tqassim f'sachets kif jidher a fol 56 tal-process fejn l-uzin tas-sachets huwa konsistenti.

Tassew li l-imputat fl-istqarrija qal li kien ghamel tmien pakketti ghall-uzu tieghu izda fuq l-ohrajn huwa qal 'jiena kont xtrajthom diga' pakketti.'

Izda l-erba' elementi msemmija juru li l-imputat kellu droga li ma kenitx ghall-uzu tieghu biss. Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni wkoll.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(b) tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, ir-raba' u s-sitt taqsima u l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap 101, ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22 ta' 1-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii), tal-Kap 31 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat dak li ntqal mir-rapprezentant tas-Sedqa u millProbation Officer li hejjiet il-Pre-Sentencing Inquiry Report, dwar il-progress kbir li ghamel l-imputat kif ukoll ic-cirkostanzi specjali tieghu. Qieset ukoll ir-rakkomandazzjoni maghmula mill-Probation Officer dwar il-piena.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' disa' xhur u ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt lira Maltija (Lm300). Il-multa tista' tithallas b'rati ta' Lm50 Lira Maltija fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitballasx, il-bilanc jitballas kollu f'daqqa. Jekk xi parti tal-multa ma tithallasx din tinbidel f'jum prigunerija gbal kull Lm5 mhux imhallsa.

Galadarba l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar 2006, il-Qorti mhix qed tordna 1-hlas ta' l-esperti ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------